MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 960/2001/1

**Emanuel u Mary konjugi Farrugia**

**vs**

**Pawlu Mifsud u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 2001 is-socjeta' Lloyds (Malta) Ltd intervjeniet fil-kawza in statu et terminus**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-30 ta' Mejju, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettew:

1. Illi fit-30 ta' Dicembru, 2000 waqt li l-car Peugeot 205 nru IAT 956 kienet tinsaq fil-Hamrun minn Gilbert Farrugia, din sfat involuta f'habta mal-van Transit nru DAP 682 misjuq mill-konvenut u garrbet hsarat;

2. Illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

3. Illi l-konvenut injora s-sejha tal-istanti ghall-hlas tad-danni kollha izda ried biss ihallas nofshom;

4. Illi, in segwitu ghal dan l-incident l-istanti nkorrew danni fl-ammont ta' elf u wiehed u erbghin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm1041.88);

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li sofrew l-istanti b'rizultat tal-istess incident;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta' Lm1041.88c jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominadi;

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont dikjarat u likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi Lm23 ta' ittri u konsulti, dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax min-notifika ta' dina c-citazzjoni kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi;

Rat id-digriet ta' din il-qorti tas-27 ta' Dicembru, 2001, li in forza tieghu awtorizzat lis-socjeta' Lloyds (Malta) Limited tidhol fil-kawza "*in statu et terminis*";

Rat in-Nota ta’ riliev li gietipprezentata mis-socjeeta’ intervenjenti;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jirrileva illi fil-fehma tieghu, il-kollizzjoni meritu ta’ din il-kawza grat fit-tort u l-htija kongjunta tieghu u tas-sewwieq tal-vettura tal-attur Gilbert Farrugia u tramite l-assikurazzjoni tieghu u l-konsulent legali taghha huwa offra lill-atturi illi t-tort ghall-imsemmi kollizzjoni u ghall-konsegwenti danni jigu spartiti ugwalment bejn il-kontendenti;

2. Illi t-talbiet attrici inkwantu jikkostitwixxi talba ghal dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghall-incident illi jeccedi n-nofs jew talba ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali f’somma illi teccedi porzjoni ta’ nofs l-istess danni ghandhom jigu respinti;

3. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjent mill-kumpanija assikuratrici tieghu, id-danni pretizi mill-atturi huma ezagerati u ghalhekk l-eccipjent jirriserva d-dritt illi jikkontrolla d-danni hekk pretizi mill-atturi;

4. Illi f’kaz illi l-eccipjent jinsab responsabbli ghall-incident f’sehem ugwali mal-atturi, jew f’grad anqas, l-eccipjent ma ghandux jbati spejjez ta’ dawn il-proceduri;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta’ Frar, 2003, fejn l-atturi rriducew it-talba ghad-danni ghas-somma ta’ Lm1018.88, u l-konvenut accetta li l-entita’ tad-danni mhux mehtieg li tigi ppruvata u rtira t-tielet eccezzjoni tieghu;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Dicembru, 2000, gewwa triq Giovanni Barbara, il-Hamrun. L-attur kien qed isuq vettura numru IAT-956, u kien hiereg minn *side-road,* triq is-Sewwieqa, ghal go triq Giovanni Barbara; huwa, fil-fatt, kien qabad dik it-triq u beda jsuq fiha fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq. Mill-boghod, ra lill-konvenut gej mid-direzzjoni opposta fl-istess triq isuq lejn nofs it-triq. L-attur, meta ra hekk, kompla jsuq, izda meta ra li l-konvenut baqa' jsuq f'nofs it-triq, waqaf, izda l-konvenut baqa' jsuq u laqtu fuq quddiem in-naha tal-lemin.

Il-konvenut ammetta, anke mal-Pulizija li nvestiga l-habta, li hu, waqt li kien qed isuq gewwa triq Giovanni Barbara, kien f'nofs it-triq, izda qal li kien l-attur li, meta l-vetturi waslu ma' xulxin, kiser ghal fuqu u laqatlu l-parti ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-vettura tieghu.

Il-Qorti tirrileva li mir-ritratti esebiti, u mill-konfigurazzjoni ta' triq Giovanni Barbara, jidher car li jekk, kif inhu accettat, l-attur dahal f'dik it-triq minn Triq is-Sewwieqa, sakemm sehh l-incident, l-attur kien dahal gmielu fit-triq Giovanni Barbara, u l-konvenut kellu zgur cans bizzejjed biex jarah u jirregola s-sewqan tieghu. Fi kliem iehor, dan mhux kaz fejn il-konvenut kellu jinhasad bil-hrug ta' vettura min-naha tax-xellug tieghu. Iz-zewg vetturi, qabel l-incident, kienu ilhom ftit fit-Triq Giovanni Barabra u t-tnejn jidher li kienu raw lil xulxin fi zmien qabel ma' sehh l-incident; dan iz-zmien, lanqas ma jidher li kien ta' ftit sekondi, u jidher li kellhom zmien apprezzabbli jikkontrollaw il-vettura taghhom qabel ma' sehh l-incident. It-tnejn, fil-fatt, jghidu li raw lil xulxin mill-boghod fit-triq, izda mbaghad it-tnejn jattribwixxu lil xulxin il-manuvra finali, ta' kisra fuq il-lemin, biex sehhet il-habta.

L-attur jghid li, qabel il-habta, hu kien qed isuq ghad-dritt, u meta ra lill-konvenut gej fuqu, waqaf; mad-daqqa, l-karozza tieghu giet spustjata ftit lura u naqra fil-genb. Il-konvenut jghid li, qabel il-habta ezatt, hu kiser lejn ix-xellug biex jevita l-habta, imma xorta wahda l-attur dahal go fih.

Ma gie allegat ebda *speed* eccessiv minn ebda naha, u ebda vettura ma jidher li halliet *brake-marks* warajha. Sfortunatament, fuq l-*isketch* imhejji mill-Pulizija, ma giex indikat l-*ispot of impact,* u mill-istess *sketch*, li huwa *to scale* ghal dak li hu l-wisa' tat-triq, izda mhux ghal dak li huwa l-wisa' tal-karozzi, ma jirrizultax preciz f'liema parti tat-triq sehh l-incident. Il-posizzjoni tal-vetturi fuq l-*isketch* tindika li, fejn u kif jinsabu, ebda wahda minnhom ma kienet qed tissupera n-nofs tat-triq, ghalkemm it-tnejn jinsabu vicin hafna l-istess nofs tat-triq. Fil-fatt, il-posizzjoni tal-karozza tal-konvenut u l-angolu taghha, juru li, qabel il-habta ezatt, din ma kienetx fuq in-naha hazina tat-triq, izda forsi bir-roti tal-lemin taghha ezatt mal-*crown of the road.*

Jidher, fil-fehma tal-Qorti, li qabel l-incident iz-zewg vetturi kienu qed isuqu razenti nofs it-triq, forsi wkoll, jirfsu l-parti l-ohra tat-triq, u ebda parti ma hasbet biex tersaq aktar lejn l-xellug tat-triq biex thalli spazju bizzejjed bejna u l-vettura l-ohra. Jew ghax dak li jkun beza' li jolqot xi vettura li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu, jew ghax stenna li l-parti l-ohra, u mhux hu, jersaq aktar lejn ix-xellug, iz-zewg vetturi baqghu jsegwu l-linja tat-traffiku li qabdu. Jista' jkun ukoll li, minhabba d-dlam, kkalkulaw li se jiskapulaw lil xulxin, u kien tard wisq meta rrealizzaw li ser jahbtu. Jidher, pero', li t-tnejn kienu fl-istess posizzjoni, biz-zewg drivers isuqu lejn in-nofs tat-triq jahsbu li se jghaddu jew li l-iehor se jersaq ftit lejn ix-xellug, bir-rizultat li t-tnejn li huma ghamlu "*error of judgement",* u t-tnejn, allura, ghandhom jinstabu responsabbli ghall-incident fi grad indaqs. It-tnejn setghu evitaw l-incident kieku resqu ftit lejn ix-xellug tal-parti taghhom tat-triq, izda it-tnejn li huma, li kellhom vizwali tajba tat-triq, baqghu jsuqu bl-istess mod li kienu.

Kif inghad fil-ktieb ta’ Charlesworth & Percy, “On Negligence” (Sweet & Maxwell, Edit, 1997 para.9-221), “*when there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other, the proper inference to be drawn is that they are both to blame. So, when there had been a collision in the centre of crossroads of equal status, the defendant said to a policeman, `I was going along the road and we met in the middle’, it was held that there was a prima facie case that both drivers were to blame. Each driver who was involved in an unwitnessed and inexplicable head-on collision between two vehicles, is likely to be held equally to blame for negligence, even where there is some indication that one of them might have been on his wrong side of the road”.* (ara wkoll “Fogg Insurance Agency Ltd vs Cordina et”, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta’ Novembru, 2001).

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqies liz-zewg sewwieqa ugwalment responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni sofferti fil-vettura tal-attur, hemm qbil li dawn jammontaw ghal Lm1018.88.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ in parte t-talbiet attrici, tiddikjara li l-konvenut Pawlu Mifsud huwa responsabbli fi grad ta’ nofs ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta’ Dicembru, 2000, u tikkundannah ihallas lill-attur, in linea ta’ danni s-somma ta’ hames mija u disa’ Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (LM509.44), bl-imghaxijiet legali jidekorru, peress li din is-somma ma gietx depositata taht l-awtorita’ tal-Qorti, mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u cioe’, mit-30 ta’ Mejju, 2001, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, peress li l-posizzjoni tal-konvenut minn dejjem kienet, anke qabel il-ftuh ta’ din il-kawza, li hu responsabbli ghall-incident fi grad ta’ nofs, jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------